**21 ta' Frar, 1964**
**Imħallfin:**
**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President**
**Onor. T. Gouder, LL.D.**
**Onor. A. V. Camilleri, B.Litt., LL.D.**

Joseph Darmanin et.

*versus*

Joseph Rossignaud

**Att ta' l-1956 Dwar Is-Sigurta' Nazzjonali**
**Appell Mid-Deċiżjoni ta' l-Arbitru**

*Meta l-Arbitru ma jkun iddeċida l-ebda punt ta' dritt, u m'għamel ebda enunċjazzjini żbaljata tal-liġi, id-deċiżżjoni tiegħu hi inappellabili.*

Dan hu appell mid-deċiżżjoni ta' l-Arbitru taħt l-Att ta' 1956 dwar is-Sigurta Nazzjonali. B'din id-deċiżżjoni, mogħtija fid-disgħa u għoxrin (29) ta' Awissu 1963, l-Arbitru kien irritjena illi l-appellanti Paul Psaila huwa persuna mpjegata u l-impieg tiegħu huwa mpieg assigurabbli għall-fini ta' l-Att fuq imsemmi wara li kkunsidra illi:—

Fl-erbgħa (4) ta' April, 1962 id-Direttur iddeċieda l-kwistjoni jekk Paul Psaila huwiex jew le persuna mpiegata għall-fini u għall-effetti tad-disposizzjonijiet tal-Att fuq imsemmi f'sens affermattiv u li l-impieg tiegħu kien assigurabblii. L-imsemmi Paul Psaila u Joseph Darmanin issa qegħdin jappellaw minn dik id-deċiżżjoni tad-Direttur.

Paul Psaila u Joseph Darmanin huma komproprietarji ta' Bus No. 1346 fuq il-linja taz-Zurrieq, għalkemm il-liċenzja hija b'isem Joseph Darmanin. Bejn l-imsemija Psaila u Darmanin ma teżisti ebda skrittura ta' soċieta pero te-

żisti bejniethom skond kif jirriżulta mix-xhieda tagħhom stess "socjeta di fatto' regolata bil-ftehim verbali li sar bejniethom u li rriżulta wkoll mix-xhieda tagħhom mogħtija f'dan l-appell. Dan il-ftehim huwa li l-profitt nett jinqasam bin-nofs, li Joseph Darmanin billi ma jaħdimx fuq il-bus għandu jqabbad driver huwa u jħallsu min sehemu tal-profitti u li Paul Psai'a jaħdem ta' konduttur u meta għal xi raġuni ma jkunx irid jagħmel dan ix-xogħol huwa ħsiebu li jsib konduttur ieħor u jħallsu min sehemu tal-profitti.

Il-kwistjoni li tifforma l-oġġett ta' dan l-appell tirrigwarda biss lil-Paul Psaila ċ'ce jekk ix-xogħol tiegħu li qiegħed jegħti lis-soċjetà di dfatto, fuq imsemmija hux impieg assigurabbili għal fini tal-Att tal-1956 fuq imsemmi. Appell quddiem l-Arbitru li l-fatti speċie tiegħu u l-kwistjoni nvoluta huma identiċi għal-każ presenti ġie deċiż fl-għaxra (10) ta' Frar, 1959 fl-ismijiet "Lewis Attard vs. A/D.E.L.S.W.": f'dak l-appel ġie deċiż li l-impieg ta' Lewis Attard, li kien qiegħed jagħmilha bħala driver, kien impieg assigurabbili u fil-fehma tiegħi ma nħoxx li jiena għandi niddipartixxi mill-konklużżjonijiet ta' dik id-deċiżżjoni, u dana għar-raġunijiet fl-istess deċiżżjoni msemmija. Jista forsi jiżdied in relazzjoni mal-motiv ta' aggravju tal-appellanti dwar id-definiżżjoni ta' "prinċipal" li tinsab fl-artikolu 2 (2) tal-Att fuq imsemmi illi dik id-definiżżjoni kif interpretata mil-Arbitru fid-deċiżżjoni fuq imsemmija. ġiet konfermata fil-konsiderandi li jinsab f'deċiżżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Appell tal-Maesta Tagħha r-Reġina fit-tlieta u għoxrin (23) ta' Ġunju, 1961, fil-kawża fl-ismijiet 'Carmelo Buontempo et vs. Joseph Rossignaud nomine.'

Issa bir-rikors tagħhom ta' l-ewwel (1) ta' Ottubru. 1963 Joseph Darmanin u Paul Psaila qegħdin jitolbu li dik

id-deċiżżjoni ta' l-Arbitru tiġi revokata u li jiġi deċiż minflok illi Paul Psaila ma kienx impiegat għall-finijiet talliġi u għalhekk ma setgħax ikun f'impieg assigurabbli skond l-imsemmi Att ta' l-1956.

Fir-risposta tiegħu l-appellat issottometta fl-ewwel lok illi d-deċiżżjoni ta' l-Arbitru mhix appellabbli billi fiha hu ma għamilx ħaġa oħra ħlief ħa konjizzjoni ta' fatti u għamel apprezzament tagħhom u għalhekk fid-deċiżżjoni tiegħu ma hemm ebda punt ta' dritt jew ennunċjazzjoni ħażina tal-liġi. Subordinatament u bla preġudizzju, l-appellat issottometta illi fil-meritu d-deċiżżjoni appellata hi ġusta u timmerita konferma bl-ispejjeż.

Trattat l-appell din il-Qorti kkunsidrat:—

**Dwar l-eċċezzjoni preliminari.**

Skond l-Artikolu 44 ta' l-att ta' l-1956 dwar is-Sigurta Nazzjonali, hemm appell minn deċiżżjoni ta' l-Arbitru unikament **fuq punt ta' dritt.**

Fuq il-fatti, kif rijassunti fid-deċiżżjoni appellata ma jidher li hemm ebda kontestazzjoni. Għal-bazi ta' dawk il-fatti u b'riferenza anki għad-deċiżżjoni ċitata minnhu ċioe dik fl-ismijiet "Lewis Attard vs. A./D.E.L.S.W." il-konklużżjonijiet ta' l-Arbitru huma dawn:

(1) Illi għalkemm bejn l-appellanti ma teżisti ebda skrittura ta' soċjeta, hemm bejnithom "soċjeta di fatto" għall-ġestjoni ta' Bus tal-linja possedut in komune bejniethom.

(2) "Soċjeta di fatto" tista tkun "principal' jew "employer" anki rigward wieħed mis-soċji fiha jekk bejnu

u dik is-soċjeta jeżisti "kuntratt ta' servizz."

(3) Biex wieħed jistabbilixxi jekk hemmx "kuntratt ta' servizz" l-element l-aktar importanti hu dak tal-kontroll.

(4) Il-fatt li s-soċju ma jkunx qed jirċievi rimunerazzjoni taħt forma ta' salarju mhux determinanti.

Fil-fehma tal-Qorti, jekk jiġu eżaminati sewwa taħt ir-rikors ta' l-appell *kemm l-ittra ta' l-appellanti tat-tnejn* (2) ta' Frar, 1962, li għaliha fir-rikors hemm riferenza, l-appellanti ma humiex verament qed jimpunjaw bħala żbaljata beda waħda mill-propożizzjonijiet legali nvoluti fil-konklużżjonijiet ta' l-Arbitru hawn fuq imsemmija. L-eżistenza bejniethom ta' "soċjeta di fatto" ma hix negata, u anqas, ovvjament tista tiġi negata. Kif ġie rilevat minn din il-Qorti fil-kawża "Buontempo vs. Joseph Rossignaud *noe" 23.6.1961 altru hu l-istat, tista tgħid hekk, passiv ta'* sempliċi kommunjoni ta' ħaġa indiviża u altru l-attivazzjoni u l-isfruttament għall-profitt komuni ta' dik il-ħaġa bħala ntrapriża.

Anqas jistgħu l-appellanti, jew verament qegħdin, jikkontestaw illi "soċjeta di fatto" tista tkun "employer" għaliex skond il-liġi fid-definizzjoni ta' "employer" huma *kompriżi mhux* biss is-soċjetajiet veri f'sens legali li għandhom personalita ġuridika distinta minn dik tal-persuni fisiċi li jikkostitwuhom iżda wkoll kull għaqda ta' nies bi kwalunkwe mod uniti għal skop jew oġġett komuni għad li ma jkolliex personalita ġuridika distinta.

Fl-aħħarnett l-appellanti ma jiċħdux bħala propożizzjoni legali illi l-element l-aktar importanti biex tiddetermina jekk hemmx "kuntratt ta' servizz" huwa dak tal-

"kontroll". Infatti fir-rikors ta' l-appell, l-appellanti stess jaffermaw illi r-relazzjoni ġuridika ta' mpieg ma tistax teżisti mingħajr ma jkun hemm dan l-element. Biss l-appellanti jinnegaw illi, **fil-kaz prezenti**, dan l-element ta' kontroll jeżisti. Ir-raġuni li jagħtu hi illi, skond il-ftehim ta' bejniethom l-assoċjazzjoni ma għandiex dritt teżiġi illi l-appellant Psaila jaħdem huwa nnifsu taħt il-kondizzjonijiet normali ta' mpieg. Skond dak il-ftehim hu obbligat biss illi iforni konduttur għas-spejjeż tiegħu. Din pero mhux raġuni valida, ġa la darba **bħala fatt** Psaila għażel li jaħdem u b'hekk ikkrea l-impieg tiegħu nnifsu ma l-assoċjazzjoni: relazzjoni dina li, kif intqal fis-sentenza fuq ċitata, toħloq se non altro, l-obbligu ta' xogħol tajjeb u fl-iteress ta' assocjazzjoni u dritt korispondenti f'dik l-assoċjazzjoni.

Fi kwalunkwe każ una volta li l-prinċipju legali mhux impunjat, iżda biss hi mpunjata l-applikazzjoni tiegħu għaċ-ċirkostanzi tal-każ, l-appell ma jistax jingħad li hu **fuq punt legali**. Intqal fis-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawża "Ignazio Anastasi et vs. Joseph Rossignaud noe" 9.5.1958: l espresjoni "contract of service" użata fil-liġi tagħna in kwistjoni, kif del resto, il-liġi kollha dwar is-Sigurta Nazzjonali hi ta' oriġini ingliza. Kemm l-darba l-Qrati Ingliżi kellhom okkażżjoni li jesprimu ruħhom għar-rigward ta' dik l-espressjoni in konnessjoni appuntu ma kwistjonijiet ta' appellabilita. Il-"contract of service" jimporta li jkun hemm relazzjoni ta' prinċipal u mpiegat: imma dawk il-Qrati rritenew, kif jidher mid-deċiżżjonijiet ċitati fil-Williss "Workmen's Compensation" 34th Edit. p. 162 illi "whether or not that relationship exists is a question of fact" u illi "a finding one way or the other cannot be disturbed if there is evidence to support it". Fil-każ presenti din l-"evidence" fil-fehma tal-Qorti teżisti abbondantement.

Dwar l-aħħar propożizzjoni legali magħmula mill-Arbitru, illi ċioe il-ħlas m'hemmx bżonn li jkun taħt forma ta' salarju, ma ġiet imqanqla ebda kwistjoni.

Għalhekk, in kwantu l-prinċipju legali li fuqhom mexa l-Arbitru ma ġewx impunjati, l-appell ma hux fondat fuq kwistjoni ta' dritt. Pero ankorke kellu jingħad illi xi whud minn dawk il-prinċipji ġew kwerelati, il-Qorti hi ta' fehma illi dawk il-prinċipji huma korretti.

Għal dawn il-motivi u f'dan is-sens il-Qorti tilqa l-eċċezzjoni ta' l-appelat, tiddikjara l-appel irritu u null bl-ispejjez kontra l-appellanti.